



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Diċembru 2023
(OR. en)

16083/23
PV CONS 60
SOC 832
EMPL 597
SAN 706
CONSOM 433

ABBOZZ TA' MINUTI

KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Impjiegi, Politika Soċjali, Saħħa u Affarijiet tal-Konsumatur)
27 u 28 ta' Novembru 2023

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 15633/1/23 REV 1.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġiżlattiva 15713/23

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument imsemmi hawn fuq, inkluż id-dokumenti COR u REV lingwistiċi kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

Dikjarazzjonijiet dwar dawn il-punti jinsabu fl-Addendum.

b) Lista leġiżlattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea) 15714/23

Sajd

1. Regolament li jemenda r-Regolament (UE) 2019/833 li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ta' infurzar li japplikaw fiż-Żona Regolatorja tal-Organizzazzjoni tas-Sajd fl-Atlantiku tal-Majjistral  15160/23
PE-CONS 58/23
PECHE
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-22.11.2023

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 43(2) TFUE).

Telekomunikazzjoni

2. Regolament dwar regoli armonizzati għall-aċċess ġust għad-data u għall-użu tagħha (Att dwar id-Data)  15447/23
PE-CONS 49/23
TELECOM
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
approvat mill-Coreper, Parti 1, fit-22.11.2023

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE).

3. **Rieżami tar-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli (CSDR)**  15215/23 + ADD 1
PE-CONS 47/23
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
EF
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-23.11.2023

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Dikjarazzjonijiet dwar dan il-punt jinsabu fl-Anness.

4. **Regolament li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)**  15191/1/23 REV 1
+ REV 1 ADD 1
PE-CONS 42/23
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
EF
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-23.11.2023

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

5. **Direttiva omnibus emendatorja dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)**  15192/2/23 REV 2
+ REV 2 ADD 1
PE-CONS 43/23
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
EF
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-23.11.2023

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikoli 50, 53, 62 u 114 TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

6. **Regolament omnibus emendatorju dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)**  15193/1/23 REV 1
+ REV 1 ADD 1
PE-CONS 44/23
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv
EF
approvat mill-Coreper, Parti 2, fit-23.11.2023

Il-Kunsill approva l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u l-att propost ġie adottat, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (bażi legali: l-Artikolu 114 TFUE). Dikjarazzjoni dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Attivitajiet mhux leġislattivi

3. **Semestru Ewropew 2024: Negożjar kollettiv ekoloġiku** [2] 15151/23
Dibattitu ta' orjentazzjoni
- a) **L-Istħarriġ Annwali tal-2024 dwar it-Tkabbir Sostenibbli (SATS), ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija (AMR), l-abbozz ta' Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi (JER) u l-abbozz ta' Rakkomandazzjoni dwar il-politika ekonomika taż-żona tal-euro** [2] 15627/23
15628/23
15438/23 + ADD 1
15630/23
Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

Wara preżentazzjoni mill-Kummissjoni tal-pakkett tas-Semestru tal-Ħarifa, il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar is-Semestru Ewropew 2024: Negożjar kollettiv ekoloġiku abbażi ta' nota ta' gwida tal-Presidenza, kif tinsab fid-dokument 15151/23.

- b) **Messaġġi ewlenin mill-EMCO u l-KPS dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika** [2] 15439/23 + ADD 1
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-messaġġi ewlenin dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-iżgurar ta' tranżizzjoni ġusta lejn in-newtralità klimatika kif jinsabu fid-dokument 15439/23.

4. **Konklużjonijiet dwar id-demokrazija fuq il-post tax-xogħol** [2] 15162/23 +
15162/1/23 REV 1
(hu)
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aktar demokrazija fuq il-post tax-xogħol u negożjar kollettiv ekoloġiku għal xogħol deċenti u tkabbir sostenibbli u inklużiv kif jinsabu fid-dokument 15162/23.

5. **Konklużjonijiet dwar it-tranżizzjoni tas-sistemi tal-kura** [2] 15421/23
+ ADD 1-2
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tranżizzjoni ta' sistemi tal-kura tul il-ħajja lejn mudelli ta' appoġġ olistiċi ċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, b'perspettiva tal-ġeneru, kif jinsabu fid-dokument 15421/1/23 REV 1.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Ungerija u l-Polonja jinsabu fl-Anness ta' dawn il-minuti.

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

6. **Direttiva dwar il-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà**  15782/23 + ADD 1
Approċċ ġenerali

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar il-proposta għal Direttiva dwar il-Karta Ewropea tad-Diżabbiltà u l-Karta Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà, kif tinsab fid-dokument 15782/23.

Dikjarazzjoni mill-Ġermanja tinsab fl-Anness ta' dawn il-minuti.

Attivitajiet mhux leġislattivi

7. **Konklużjonijiet dwar ir-RS Nru 20/2023 tal-QEA dwar l-appoġġ għal persuni b'diżabbiltà**  15364/23
Approvazzjoni

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar ir-Rapport Speċjali Nru 20/2023 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri - "Nappoġġaw il-persuni b'diżabbiltà", kif jinsabu fid-dokument imsemmi hawn fuq.

8. **Pjan ta' azzjoni tal-UE kontra r-razziżmu 2020-2025**  15471/23
Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni bbażat fuq in-nota ta' gwida kif tinsab fid-dokument imsemmi hawn fuq.

Affarijiet oħra

9. a) **Proposti leġislattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)** 
i) **Direttiva dwar it-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fix-xogħol fuq il-pjattaformi** 14450/21
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar in-negozjati li għaddejjin mal-Parlament Ewropew.

ii) Direttiva li temenda d-Direttivi 98/24/KE u 2004/37/KE fir-rigward tal-valuri ta' limitu għaċ-ċomb u l-komposti inorganiċi tiegħu u d-diisoċjanati

6417/23 + ADD 1

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar in-negozjati li għaddejjin mal-Parlament Ewropew.

b) Konferenzi tal-Presidenza

 15660/23

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-konferenzi tal-Presidenza.

c) Is-Sena Ewropea tal-Ħiliet

 15428/23

Informazzjoni mill-Presidenza u l-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza u l-Kummissjoni dwar is-Sena Ewropea tal-Ħiliet.

d) Proposti leġislattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

 

Regolament dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni

5588/23 + ADD 1

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tar-Regolament dwar l-istatistika Ewropea dwar il-popolazzjoni u l-akkomodazzjoni.

e) Konferenzi tal-Presidenza

 15660/23

Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-konferenzi tal-Presidenza.

f) Proposti leġislattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

- i) **Direttiva dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza (Artikolu 19)** SC 15899/22
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tad-Direttiva dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza (Artikolu 19).

- ii) **Direttiva dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza (Artikolu 157)** IC 15902/22 + COR 1
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tad-Direttiva dwar standards għall-korpi tal-ugwaljanza (Artikolu 157).

g) Avvenimenti tal-Presidenza: 2

- i) **Laqgħa informali tal-Ministri għall-ugwaljanza dwar il-vjolenza kontra n-nisa** 15660/23
- ii) **Konferenzi tal-Presidenza** 15660/23
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-avvenimenti tal-Presidenza.

Attivitajiet mhux leġiżlattivi

- 10. Investiment soċjali**  15415/23 + COR 1
Dibattitu ta' orjentazzjoni

- a) L-investment soċjali u r-regoli fiskali tal-UE**  15415/23 + COR 1
Preżentazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar l-Investment soċjali u r-regoli fiskali tal-UE u kellu dibattitu ta' orjentazzjoni dwar l-investment soċjali ggwidat min-nota ta' gwida tal-Presidenza kif tinsab fid-dokumenti msemmija hawn fuq.

- b) Opinjoni tal-EMCO u l-KPS dwar l-investment soċjali**  15418/2/23 REV 2
Approvazzjoni + **REV 2 COR 1**
(it)

Il-Kunsill approva l-Opinjoni tal-Kumitat tal-Impjiegi u tal-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali dwar l-investment soċjali kif jinsab fid-dokument 15418/2/23 REV 2.

Id-dikjarazzjonijiet mill-Estonja, l-Ungerija u r-Rumanija u dikjarazzjoni konġunta minn Spanja, il-Belġju u l-Ungerija jinsabu fl-Anness ta' dawn il-minuti.

- 11. Konklużjonijiet dwar id-diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali**  14655/23
Approvazzjoni + **COR 1 (hu)**

Il-Kunsill approva l-Konklużjonijiet dwar id-Diġitalizzazzjoni fil-koordinazzjoni tas-sigurtà soċjali, biex jiġi ffaċilitat l-eżerċitar tad-drittijiet tas-sigurtà soċjali fl-UE u jitnaqqas il-piż amministrattiv, kif jinsabu fid-dokument 14655/23.

Affarijiet oħra

12. a) **Proposti leġislattivi attwali (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)**  

Reviżjoni tar-Regolamenti dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (883/04 u 987/09)
Informazzjoni mill-Presidenza

15642/16
+ ADD 1 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar is-sitwazzjoni attwali tar-reviżjoni tar-Regolamenti dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali (883/04 u 987/09).

- b) **Konferenzi tal-Presidenza**  15660/23
Informazzjoni mill-Presidenza

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Presidenza dwar il-konferenzi tal-Presidenza.

- c) **Ukrajna: Żviluppi reċenti**  15704/23
Informazzjoni mill-Kummissjoni

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar l-iżviluppi reċenti rigward l-Ukrajna.

- d) **Pakkett dwar il-mobbiltà tal-ħiliet u t-talenti**  15701/23
Informazzjoni mill-Kummissjoni 15550/23 + ADD 1
15620/23 + ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-Pakkett dwar il-mobbiltà tal-ħiliet u tat-talenti.

- e) **Programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024**
Informazzjoni mill-Kummissjoni

 13917/23 + ADD 1

Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni dwar il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2024.

- f) Programm ta' ħidma tal-Presidenza li jmiss
Informazzjoni mid-delegazzjoni Belġjana

-
-  L-ewwel qari
-  Proċedura legiſlattiva speċjali
-  Dibattitu pubbliku propost mill-Presidenza (Artikolu 8(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dwar il-punt "B"
nru 5:

Konklużjonijiet dwar it-tranżizzjoni tas-sistemi tal-kura
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"L-Ungerija tagħraf u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa f'konformità mal-Liġi Fundamentali tal-Ungerija, u l-liġi primarja, il-prinċipji u l-valuri tal-Unjoni Ewropea, kif ukoll l-impenji u l-prinċipji li jirriżultaw mid-dritt internazzjonali. L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minqusa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala valur fundamentali. F'konformità ma' dawn u mal-leġislazzjoni nazzjonali tagħha, l-Ungerija tinterpreta t-terminu "ġeneru" bħala referenza għal "sess" fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tranżizzjoni ta' sistemi tal-kura tul il-ħajja lejn mudelli ta' appoġġ olistiċi ċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, b'perspettiva tal-ġeneru.

Barra minn hekk, l-Ungerija tiddikjara li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "l-Istrateġija tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri 2020-2025" imsemmija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tranżizzjoni ta' sistemi tal-kura tul il-ħajja lejn mudelli ta' appoġġ olistiċi ċċentrati fuq il-persuna u bbażati fil-komunità, b'perspettiva tal-ġeneru, għandha tiġi interpretata b'kunsiderazzjoni xierqa għall-kompetenzi nazzjonali u ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull Stat Membru."

DIKJARAZZJONI MILL-POLONJA

"L-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija minqusa fit-Trattati tal-Unjoni Ewropea bħala dritt fundamentali. Il-Polonja tiżgura l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fil-qafas tas-sistema legali nazzjonali Pollakka f'konformità mat-trattati internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem u fil-qafas tal-valuri u l-prinċipji fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Minħabba dan t'hawn fuq, il-Polonja ser tinterpreta l-espressjoni "ugwaljanza bejn il-ġeneri" bħala "ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel", u espressjonijiet oħrajn li jirreferu għal "ġeneru" bħala li jirreferu għal "sess", f'konformità mal-Artikolu 2 u l-Artikolu 3(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 8, l-Artikolu 153(1), il-punt (i) u l-Artikolu 157(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea."

Dwar il-punt "B"
nru 6:

**Direttiva dwar il-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà u l-Kard Ewropea
għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabbiltà**
Approċċ ġenerali

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Il-Ġermanja hija impenjata li żżomm il-kostijiet tal-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà baxxi. Fid-dawl tal-esperjenza tagħha bil-Kard Ġermaniża tad-Diżabbiltà, il-Ġermanja ma tara l-ebda riskju partikolari ta' abbuż li jiġġustifika sforzi tekniċi kbar u miżuri ta' sigurtà għall-Kard Ewropea tad-Diżabbiltà. Dan għandu jitqies matul negozjati ulterjuri u meta jiġu adottati l-atti ta' implimentazzjoni meħtieġa. B'mod partikolari, ebda ologrammi, ċipep jew simili, li jagħmlu l-produzzjoni tal-kards aktar għalja, ma għandhom isiru obligatorji.

Fil-Ġermanja, persuni għomja huma wkoll intitolati li jirċievu Kard tal-UE għall-Parkeġġ. Sabiex tippermetti lil persuni għomja li jużaw il-Kard tal-UE għall-Parkeġġ, fin-negozjati li jmiss il-Ġermanja ser tappoġġa l-ittri bil-Braille fuq il-Kard tal-UE għall-Parkeġġ, biex persuni b'insuffiċjenza fil-vista jkun u jistgħu jiddistingwuha minn kards oħra."

Dwar il-punt "B"
10 b):

Investiment soċjali
b) Opinjoni tal-EMCO u l-KPS dwar l-investiment soċjali
Approvazzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-ESTONJA

"L-Estonja tappoġġa bis-sħiħ l-impenn biex tiżdied il-viżibbiltà tad-dimensjoni soċjali fis-Semestru Ewropew. Napprezzaw ukoll il-ħidma teknika kollha li l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali u l-Kumitat tal-Impjiegi wettqu b'mod konġunt sabiex jiġi żgurat li r-rwol importanti tal-Kunsill EPSCO jkompli u jissaħħaħ fil-proċess tas-Semestru Ewropew fil-futur.

Madankollu, l-approvazzjoni tal-opinjoni konġunta ma tirrifletti l-ebda impenn politiku jew appoġġ politiku tal-Estonja fir-rigward tal-valur miżjud tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali jew l-integrazzjoni tiegħu fil-proċess tas-Semestru Ewropew. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet kollha rigward is-Semestru Ewropew jew l-investimenti soċjali u r-rabta tagħhom mar-regoli fiskali tal-UE, għandhom jiġu diskussi flimkien mal-ministri tal-ECOFIN."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGHERIJA

"L-Ungerija temmen bis-sħiħ li l-investimenti soċjali jikkostitwixxu valur miżjud konsiderevoli għall-politiki soċjali u ekonomiċi nazzjonali, li jeħtieġ li jiġu vvalutati b'mod adegwat. Għaldaqstant, aħna nilqgħu l-ħidma mwettqa fil-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (KPS) u ninsabu konvinti li l-opinjoni konġunta tagħhom dwar l-investiment soċjali ċertament ser tikkostitwixxi kontribut siewi għall-iskambji tal-Istati Membri dwar dan is-suġġett.

Minkejja l-merti tal-opinjoni konġunta, l-Ungerija tesprimi t-tħassib tagħha relatat mal-proċedura sottostanti u ċerti messaġġi tad-dokument.

Id-diskussjonijiet fl-EMCO u l-KPS saru b'mod aċċellerat. Minn naħa waħda, dan ma ppermettix riflessjoni sostanzjali proporzjonata mal-kumplessità tas-suġġett, u, min-naħa l-oħra, dan irriżulta f'opinjonijiet li tonqos milli taqbad il-fehmiet u l-approċċi diverġenti haflna tal-Istati Membri. Fil-fehma tagħna d-dokument mhuwix bilanċjat biżżejjed, u għalhekk is-sjieda mill-Ungerija tista' ma tkunx kompletament żgurata.

L-Ungerija temmen li l-opinjonijiet konġunta la għandha tirreferi għar-Rieżami tal-Governanza Ekonomika li għaddej bħalissa u lanqas ma għandha tinterferixxi miegħu, sabiex tevita li taffettwa l-eżitu tiegħu. L-Ungerija tesprimi wkoll it-tħassib tagħha dwar ir-referenza għall-Qafas ta' Konverġenza Soċjali li ma kien hemm qbil dwaru fl-ebda livell, u l-metodoloġija u l-valur miżjud tiegħu ġew dibattuti wkoll. Sfortunatament nirrikonoxxu li l-abbozz tar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi ppubblikat reċentement fil-Pakkett tal-Ħarifa tas-Semestru Ewropew 2024 diġà japplika l-Qafas ta' Konverġenza Soċjali biex jivvaluta l-prestazzjonijiet tal-Istati Membri b'rabta mal-konverġenza soċjali 'l fuq. Minkejja dan kollu, il-paragrafi 3, 8, u 10 tal-opinjonijiet konġunta fihom elementi li ma jqsux is-sensittivitajiet tal-Ungerija.

Fid-dawl tal-importanza tal-investimenti soċjali u sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjonijiet tal-ħidma f'dan ir-rigward, l-Ungerija ma topponix l-approvazzjonijiet tal-opinjonijiet konġunta. Fl-istess ħin, l-approvazzjonijiet tagħna la timplika impenn politiku għall-Qafas ta' Konverġenza Soċjali, u lanqas l-integrazzjonijiet possibbli tiegħu fis-Semestru Ewropew."

DIKJARAZZJONI MIR-RUMANIJA

"Ir-Rumanija żżomm riżervi rigward ir-referenzi għall-Qafas ta' Konverġenza Soċjali fit-test tal-Opinjonijiet konġunta u dwar l-użu ta' din l-għodda fil-proċess ta' sorveljanza multilaterali fiċ-ċiklu tas-Semestru Ewropew.

Aħna nkomplu nemmnu li hemm bżonn ta' analiżi bir-reqqa dwar sa fejn dan il-qafas il-ġdid itejjeb b'mod sinifikanti l-identifikazzjonijiet tal-isfidi għall-konverġenza soċjali 'l fuq.

Nippreferu approċċ simplifikat li jevita piżijiet amministrattivi addizzjonali u sovrappożizzjonijiet possibbli ma' mekkaniżmi eżistenti ta' monitoraġġ jew rappurtar fil-livell tal-UE u dak nazzjonali.

Fid-dawl ta' dan kollu, l-approvazzjonijiet ta' din l-Opinjonijiet ma tirrappreżentax il-qbil tagħna dwar l-implimentazzjonijiet tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali propost fil-proċess tas-Semestru Ewropew."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MINN SPANJA, IL-BELĠJU U L-UNGERIJA

"It-Triju ta' Presidenzi - Spanja, il-Belġju u l-Ungerija - jixtiequ jfakkru li l-approvazzjonijiet ta' din l-opinjonijiet konġunta ma timplikax approvazzjonijiet formali tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali bħala tali. Il-Presidenzi jenfasizzaw ukoll li din l-approvazzjonijiet ma timplikax appoġġ politiku għall-adozzjonijiet tal-Qafas ta' Konverġenza Soċjali."

DIKJARAZZJONIJIET GĦALL-PUNTI LEĠIŻLATTIVI "A" LI JINSABU FID-

DOKUMENT 15714/23

Dwar il-punt "A" nru 3:

Rieżami tar-Regolament dwar id-Depożitorji Ċentrali tat-Titoli (CSDR)
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Ir-Repubblika Ċeka tappoġġa kontinwament l-iżvilupp ulterjuri tal-infrastruttura tas-suq. Għalhekk, aħna lqajna u appoġġajna l-proposta dwar ir-rieżami inkwistjoni tas-CSDR li għandha tissimplifika r-rekwiżiti regolatorji u ttipprovdi eżenzjoni tant meħtieġa mill-piż amministrattiv, li ntwera li mhuwiex meħtieġ. F'dan il-kuntest, jiddispijčina naraw li l-kompromess finali ma laħaqx il-potenzjal tiegħu u ma inkorporax bis-sħiħ il-perjodu ta' rieżami ta' tliet snin għar-rapport stipulat fl-Artikolu 22. Nemmnju li approċċ aktar proporzjonat ikun ideali u ta' benefiċċju.

Ittamajna wkoll u għamilna sforz sostanzjali fir-rigward tal-possibbiltà ta' saldu fi flus tas-CSDs għal muniti mhux domestiċi, li jista' jiftaħ aktar opportunitajiet għall-iżvilupp tas-CMU u joffri aktar investiment bejn il-pajjiżi. Madankollu, il-kompromess finali għab limitazzjonijiet sostanzjali, li ser ikunu diżinċentiv għas-CSDs bankarji biex joffru s-servizzi bankarji tagħhom lil CSDs oħra, jew saħansitra jżommuhom milli jagħmlu dan. Għalhekk, jiddispijčina naraw li fl-aħħar mill-aħħar, dan ser ikun ta' żvantaġġ ulterjuri għas-CSDs iżgħar, li ser ikollhom inqas aċċess għas-saldu tat-titoli f'muniti li mhuwiex muniti domestiċi."

DIKJARAZZJONI MIL-LATVJA

"Il-Latvja tappoġġa l-oġġettivi tar-Refit tas-CSDR u tilqa' l-ħidma li saret s'issa. Nirrikonoxxu u napprezzaw l-isforzi li saru kemm mill-Presidenza Żvediża kif ukoll dik Spanjola biex jinstabu kompromessi possibbli. Madankollu, il-Latvja għad għandha tħassib dwar il-fatt li l-formulazzjoni attwali tal-Artikolu 54(4a) potenzjalment tista' toħloq kundizzjonijiet mhux ekwi fost is-CSDs tad-domiċilju u daww ospitanti u fl-opinjoni tagħna tmur kontra l-oġġettiv tar-Refit tas-CSDR li jitneħħew l-ostakli għall-provvista transfruntiera ta' servizzi tas-CSD, u b'hekk aħna m'aħnix f'pożizzjoni li nappoġġaw it-test ta' kompromess finali.

Il-formulazzjoni attwali tal-Artikolu 54(4a) ma tippermettix lil CSD awtorizzat jipprovdi servizzi ewlenin ta' CSD permezz ta' fergħa fi Stat Membru ieħor li l-munita tiegħu tkun differenti mill-munita tal-Istat Membru fejn is-CSD jkun stabbilit biex isalda tranżazzjonijiet fi flus ta' bank kummerċjali f'munita tal-pajjiż ta' oriġini. Il-Latvja tiġbed l-attenzjoni li s-saldu fi flus ta' bank ċentrali bl-użu ta' kont mal-bank ċentrali ta' pajjiż ta' oriġini jista' ma jkunx possibbli minħabba raġunijiet oħra li jmorru lil hinn mill-politika ta' aċċess tal-banek ċentrali u jista' jkun hemm restrizzjonijiet oħra fis-seħħ li ma jippermettux l-eżekuzzjoni tas-saldu fi flus tal-bank ċentrali b'kontijiet tal-bank ċentrali tal-pajjiż ta' stabbiliment tas-CSD.

Il-Latvja tixtieq tindika li l-oġġettiv tas-CSDR kien li jitneħħew l-ostakli għall-kompetizzjoni fost is-CSDs tal-UE. Madankollu, il-formulazzjoni attwali tal-Artikolu 54(4a) timmina dan l-oġġettiv billi tintroduċi ostakli għall-forniment transfruntier ta' servizzi tas-CSD. Barra minn hekk, toħloq kundizzjonijiet mhux ekwi għal żewġ CSDs li jipprovdu servizzi fl-istess pajjiż, wieħed bħala CSD domestiku u ieħor bħala CSD transfruntier, filwaqt li s-CSD domestiku jkun jista' jsalda tranżazzjonijiet fl-istess munita fi flus ta' bank kummerċjali, iżda s-CSD transfruntier ma jkunx.

Sabiex tiġi ffaċilitata l-kisba tal-għanijiet tar-Refit tas-CSDR, il-Latvja tixtieq thegġegħ l-introduzzjoni ta' emendi għat-test ta' kompromess tar-Refit tas-CSDR li jiżguraw li ma johlqx ostakli għal CSD li jkollu fergħa fi Stat Membru ieħor u li jopera sistema ta' saldu tat-titoli (SSS) irregolata mil-liġi tal-Istat Membru ospitanti biex isalda f'munita mhux domestika għal dik l-SSS fi flus ta' bank kummerċjali, fejn is-saldu fi flus ta' bank ċentrali ma jkunx possibbli."

Dwar il-punt "A" **Regolament li jistabbilixxi Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)**
nru 4: *Adozzjoni tal-att leġiżlattiv*

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tirrikonoxxi l-potenzjal tal-ESAP li jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Madankollu, sabiex l-ESAP ikun suċċess, nemmnu li huwa importanti li jiġi żgurat approċċ ikkalibrat sew rigward l-istabbiliment tal-pjattaforma f'termini tal-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta, iż-żmien u l-ispejjeż. F'dan ir-rigward, huwa importanti li fl-ESAP tiġi inkluża informazzjoni, li hija rilevanti għall-investituri u li l-pubblikazzjoni tagħha ma twassalx għal kostijiet li jegħlbu l-benefiċċji.

Fil-fehma tagħna, ċerti partijiet tal-proposta kienu jibbenefikaw minn valutazzjoni u titjib ulterjuri abbażi ta' diskussjoni bir-reqqa fuq bażi ta' att b'att sabiex jiġu evitati piż u kostijiet żejda kemm fuq l-entitajiet kif ukoll fuq il-korpi ta' għbir.

Eżempju ta' tali partijiet huma l-emendi proposti fid-Direttiva Omnibus tal-ESAP fir-rigward tad-Direttiva dwar il-Kontabilità u l-MIFID. L-Emendi fid-Direttiva dwar il-Kontabilità joħlqu obbligu sproporzjonat għall-kumpaniji mhux elenkati biex jippubblikaw rapporti finanzjarji fl-ESAP. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet iwasslu għal duplikazzjoni tal-informazzjoni sottomessa mill-istess entitajiet – pereżempju, il-kumpaniji elenkati jkollhom jissottomettu informazzjoni lill-ESAP abbażi kemm tad-Direttiva dwar it-Trasparenza kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Kontabbiltà, possibbilment lil żewġ korpi ta' għbir differenti, u dan ma jirrispettax il-prinċipju ta' iffajljar ta' darba biss. Meta wieħed iqis il-MIFID, ir-rekwiżiti imposti fuq il-kumpaniji elenkati fis-swieq tat-Tkabbir tal-SMEs huma kontroproduttivi meta mqabbla mal-oġġettiv li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq kapitali tal-SMEs.

Aħna nappoġġaw l-oġġettivi tal-ESAP, madankollu fil-fehma tagħna ċerti aspetti tal-proposta kellhom jiġu indirizzati b'mod aktar adegwat."

Dwar il-punt "A"
nru 5:

Direttiva omnibus emendatorja dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tirrikonoxxi l-potenzjal tal-ESAP li jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Madankollu, sabiex l-ESAP ikun suċċess, nemmnu li huwa importanti li jiġi żgurat approċċ ikkalibrat sew rigward l-istabbiliment tal-pjattaforma f'termini tal-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta, iż-żmien u l-ispejjeż. F'dan ir-rigward, huwa importanti li fl-ESAP tiġi inkluża informazzjoni, li hija rilevanti għall-investituri u li l-pubblikazzjoni tagħha ma twassalx għal kostijiet li jegħlbu l-benefiċċji.

Fil-fehma tagħna, ċerti partijiet tal-proposta kienu jibbenefikaw minn valutazzjoni u titjib ulterjuri abbażi ta' diskussjoni bir-reqqa fuq bażi ta' att b'att sabiex jiġu evitati piż u kostijiet żejda kemm fuq l-entitajiet kif ukoll fuq il-korpi ta' għbir.

Eżempju ta' tali partijiet huma l-emendi proposti fid-Direttiva Omnibus tal-ESAP fir-rigward tad-Direttiva dwar il-Kontabilità u l-MIFID. L-Emendi fid-Direttiva dwar il-Kontabilità joħolqu obbligu sproporzjonat għall-kumpaniji mhux elenkati biex jippubblikaw rapporti finanzjarji fl-ESAP. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet iwasslu għal duplikazzjoni tal-informazzjoni sottomessa mill-istess entitajiet – pereżempju, il-kumpaniji elenkati jkollhom jissottomettu informazzjoni lill-ESAP abbażi kemm tad-Direttiva dwar it-Trasparenza kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Kontabbiltà, possibbilment lil żewġ korpi ta' għbir differenti, u dan ma jirrispettax il-prinċipju ta' iffajljar ta' darba biss. Meta wieħed iqis il-MIFID, ir-rekwiżiti imposti fuq il-kumpaniji elenkati fis-swieq tat-Tkabbir tal-SMEs huma kontroproduttivi meta mqabbla mal-oġġettiv li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq kapitali tal-SMEs.

Aħna nappoġġaw l-oġġettivi tal-ESAP, madankollu fil-fehma tagħna ċerti aspetti tal-proposta kellihom jiġu indirizzati b'mod aktar adegwat."

Dwar il-punt "A"
nru 6:

Regolament omnibus emendatorju dwar il-Punt ta' Aċċess Uniku Ewropew (ESAP)
Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tirrikonoxxi l-potenzjal tal-ESAP li jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali. Madankollu, sabiex l-ESAP ikun suċċess, nemmnu li huwa importanti li jiġi żgurat approċċ ikkalibrat sew rigward l-istabbiliment tal-pjattaforma f'termini tal-ambitu tal-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta, iż-żmien u l-ispejjeż. F'dan ir-rigward, huwa importanti li fl-ESAP tiġi inkluża informazzjoni, li hija rilevanti għall-investituri u li l-pubblikazzjoni tagħha ma twassalx għal kostijiet li jegħlbu l-benefiċċji.

Fil-fehma tagħna, ċerti partijiet tal-proposta kienu jibbenefikaw minn valutazzjoni u titjib ulterjuri abbażi ta' diskussjoni bir-reqqa fuq bażi ta' att b'att sabiex jiġu evitati piż u kostijiet żejda kemm fuq l-entitajiet kif ukoll fuq il-korpi ta' għbir.

Eżempju ta' tali partijiet huma l-emendi proposti fid-Direttiva Omnibus tal-ESAP fir-rigward tad-Direttiva dwar il-Kontabilità u l-MIFID. L-Emendi fid-Direttiva dwar il-Kontabilità joħolqu obbligu sproporzjonat għall-kumpaniji mhux elenkati biex jippubblikaw rapporti finanzjarji fl-ESAP. Barra minn hekk, id-dispożizzjonijiet iwasslu għal duplikazzjoni tal-informazzjoni sottomessa mill-istess entitajiet – pereżempju, il-kumpaniji elenkati jkollhom jissottomettu informazzjoni lill-ESAP abbażi kemm tad-Direttiva dwar it-Trasparenza kif ukoll tad-Direttiva dwar il-Kontabbiltà, possibbilment lil żewġ korpi ta' ġbir differenti, u dan ma jirrispettax il-prinċipju ta' iffajljar ta' darba biss. Meta wieħed iqis il-MIFID, ir-rekwiżiti imposti fuq il-kumpaniji elenkati fis-swieq tat-Tkabbir tal-SMEs huma kontroproduttivi meta mqabbla mal-oġġettiv li jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq kapitali tal-SMEs.

Aħna nappoġġaw l-oġġettivi tal-ESAP, madankollu fil-fehma tagħna ċerti aspetti tal-proposta kellhom jiġu indirizzati b'mod aktar adegwat."
